**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRATE DR ELAINE MERCIECA LL.D**

**PULIZIJA**
**(Spettur Elliot Magro)**

**Vs**

**Clive Gauci**

**Kaz Nru: 182-25**

**Illum, 4 ta' Novembru 2021**

**Il-Qorti,**

Rat l-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront ta' **Clive Gauci**, bin John u Mary xebba Sammut, imwieled Pieta', nhar it-13 ta' Novembru 1977 residenti gewwa 17, Adalgiza, Triq San Pawl tal-Pitkali, Dingli u detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 587977M akkuzat talli;

Nhar id-19 ta' Marzu 2019 ghal habta ta' 12.22 hrs u fil-hinijiet ta' qabel, fl-inhawi tal-Imtahleb limiti tar-Rabat u f'dawn il-Gzejjer waqt stagun maghluq ghat-tehid tal-ghasafar, ha jew ipprova jiehu b'xi mezzi, xi ghasfur u dan bi ksur tar-Regolament 18 (1)(c) tal-A.L. 79 tal-2006 hekk kif emendat LS 549.42 tal-Ligijiet ta' Malta;

Fl-istess, data, hin, lok u cirkostanzi, ha jew ipprova jiehu xi ghasfur li huwa protett taht dawn ir-regolamenti, jekk mhux skont dawn ir-regolamenti u skont il-

kondizzjonijiet ta’ kull licenzja li tinghata tahtha u dan bi ksur tar-Regolament 4 (1)(a) tal-AL 79 tal-2006 hekk kif emendat LS 549.42 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, ikkaccja jew ipprova jikkaccja, ha jew ipprova jiehu xi ghasfur billi uza lixki ta’ ghasafar protetti u dan bi ksur ta’ Regolament 7(1)(i) tal-AL 79 tal-2006 hekk kif emendat LS 549.42 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Il-Qorti giet mitluba illi barra li taghti l-piena taht ir-Regolament 27 ta’ l-A.L. 79 ta’ l-2006 hekk kif emendat, tordna s-sospensjoni ta’ kull licenzja jew permess mahruga taht ir-regolamenti ta’ l-2006 dwar il-Konservazzjoni ta’ l-Ghasafar Selvaggi u taht it-Taqsima XV tal-Kodici tal-Ligijiet tal-Pulizija, ghall-perjodu applikabbli taht l-A.L. 79 ta’ l-2006 hekk kif emendat.

Rat id-dokumenti ezebiti fl-atti processwali odjerni;

Rat l-ammissjoni tal-imputat ghall-imputazzjonijiet kollha dedotti fil-konfront tieghu;

Semghet is-sottomissjonijiet tal-partijiet ai fini ta’ piena;

**Ikkunsidrat:**

Illi fuq ammissjoni ta’ l-imputat, l-imputazzjonijiet dedotti fil-konfront tieghu gew ampjament pruvati fit-termini tal-ligi;

Għaldaqstant, l-Qorti, wara li rat l-artikoli tal-ligi relevanti, senjatament l-artikoli 18(1)(c), 7(1)(i), u 4(1)(a) tal-Ligi Sussidjarja 549.42 tal-Ligijiet ta' Malta, fuq ammissjoni, qed issib lil qua imputat, Clive Gauci, **hati** ta' l-imputazzjonijiet kollha dedotti fil-konfront tieghu u konsegwentament qed tikkundannah ghall-hlas ta' multa ta' Eur. 1500.

Il-Qorti, fit termini tar-regolament 27 tal-Avviz Legali 79 tas-sena 2006, qed tordna ukoll s-sospensjoni ta' kull licenzja jew permess mahrug taht ir-regolamenti tal-2006 dwar il-konservazzjoni tal-Ghasafar Selvaggi u taht it-Taqsima XV tal-Kodici tal-Ligijiet ta' Pulizija ghall-perjodu ta' sentejn millum.

Il-Qorti, ai termini tal-istess disposizzjoni tal-Avviz Legali 79 tas-sena 2006 kif ukoll ai termini tal-artikolu 23 tal-Kodici Kriminali qed tordna l-konfiska tal-*corpus delicti*.

MAGISTRAT DR. ELAINE MERCIECA

Christine Farrugia

Deputat Registratur